MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 1146/2003

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu r-Russja fil-1986 u fiz-zwieg taghhom huma kellhom tifel li jismu E D li twieled ir-Russja fil-25 ta' Marzu 1988.

Peress illi sussegwentement huma annullaw iz-zwieg taghhom permezz ta' proceduri adatta r-Russja fis-6 ta' Novembru tas-sena 2000 u bi ftehim bejniethom it-tifel minuri fuq imsemmi jirrisjedi mal-attrici hawn Malta. Il-konvenut joqghod u jahdem hawn Malta.

Peress illi minn dak iz-zmien il-quddiem l-attrici mantniet l-imsemmi tifel minuri minghajr l-ebda assistenza finanzjarja da parti tal-konvenut u minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tal-attrici lill-konvenut sabiex jibda jipprovdi manteniment huwa offra biss ammont minimu pero' effettivament ma hallas xejn.

Ghaldaqstant, previa occorrendo konferma ossia dikjarazzjoni li l-attrici ghandha l-kura u l-kustodja effettiva tat-tifel minuri, jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m' ghadhiex:

1. Tistabbilixxi retta alimentarja li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici ghall-manteniment tal-imsemmi tifel minuri E D u l-modalita' ghal-hlas relattiv.
2. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli biex ihallas l-arretrati tal-manteniment minn Novembru 2000 l' quddiem, tillikwida l-istess arretrati u konsegwentement tordna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha in linea preliminari eccepixxa: [1] li in kwantu l-kontendenti u l-minuri huma ta' nazzjonalita' Russa, ma tistax tigi applikata l-ligi Maltija;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Smeghet il-provi bil-gurament;

Semghet it-trattazzjonijet tad-difensuri tal-partijiet rigward l-ewwel eccezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-gudizzju huwa limitati ghal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li qed jsostni li f' dan il-kaz, stante li l-partijet kollha nvoluti, inkluzi l-minuri, huma ta' nazzjonalita' Russa, il-vertenza dwar il-manteniment ghandha tigi regolata bil-ligi Russa. Minn naha taghha l-attrici ssostni li gjaladarba l-partijiet kollha nvoluti ilhom jghixu hawn Malta mis-sena 1994 u li, ghalhekk ir-residenza abitwali tal-minuri koncernat u taghhom hija, Malta, allura ghandha tapplika l-ligi Maltija.

Illli jirrizultaw provat is-segwenti fatti relevanti ghal din il-vertenza. Il-partijiet kienu zzewwgu fir-Russja u fil-25 ta' Marzu 1998 twieled it-tifel komuni taghhom E. Illi f' Ottubru tas-sena 1994 il-partijiet, flimkien ma' binhom E, gew Malta bil-hsieb li jbqghu jghixu Malta kif fil-fatt ghamlu. Huma t-tnejn jahdmu Malta.

Fis-6 ta' Novembru 2000 iz-zwieg bejn il-partijiet gie annullat fir-Russia,, u l-attrici qeda tippretendi li l-konvenut jikkontribwixxi ghal manteniment tal-minur E, u jhallas l-arretrati dovuti minnu minn id-dik id-data.

Illi huwa opportu li jigi osservat li fiz-zmien metat t-tifel E ngieb Malta huwa kellu sitt snin u minn dak iz-zmien huwa dejjem ghex u kellu r-residenza tieghu f' Malta. Huwa attenda l-kullegg ta' De La Salle, kemm il-primarja kif ukoll is-sekondarja sakemm spicca, u sussegwentement attenda l-Junior College Malta. Ghalhekk ma hemmx dubju li l-minuri li ghalih l-attrici qed titlob manteniment tista' tghid li trabba Malta u adotta stil ta' hajja kif nafuha f' Malta. Dan ifisser li l-bzonnijiet tieghu huma relatati mal-hajja li qed jghix f' Malta, u l-ispejjez relatati mat-trobbija tieghu ghandhom jitqies fil-kuntest tal-ghejxien tieghu f' Malta.

In vista tal-premess, tenut kont partikolarment tal-fatt li r-residenza abitwali tal-minuri hija Malta, u anke tal-fatt li l-genituri tieghu t-tnejn kemmu huma jahdmu Malta, il-ligi applikabbli ghandha tkun il-ligi Maltija.

Ghaldaqstant tirrespingi l-ewwel eccezzjoni; u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------